

FRONT**X**



EUROPEAN BORDER AND
COAST GUARD AGENCY

Il-Mudell Integrat Komuni għall-Analiżi tar-Riskju

Ktejjeb fil-qosor

Verżjoni **2.1**, Settembru 2021

Il-Mudell Integrat Komuni għall-Analiżi tar-Riskju

Il-Mudell Integrat Komuni għall-Analiżi tar-Riskju (CIRAM) huwa żviluppat mill-Frontex f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

RIKONOXXIMENTI

Il-Mudell Integrat Komuni għall-Analiżi tar-Riskju 2.1 għie aġġornat mill-Frontex f'kooperazzjoni mill-qrib mal-analisti ċċertifikati ta' CIRAM mill-Istati Membri. Għadd kbir ta' persuni kkontribwew għall-iżvilupp tiegħu, u l-assistenza tagħhom hija, hawnhekk, rikonoxxuta bi gratitudni.

Werrej

Introduzzjoni #3

Il-mudell ta' kontroll tal-aċċess fuq erba' livelli #4

Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji #5

Appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet #6

Theddida #7

Vulnerabbiltà #8

Impatt #9

Ċiklu ta' intelligence #11

Rakkomandazzjonijiet #12

Implimentazzjoni tas-CIRAM #13

Introduzzjoni

Is-CIRAM jistabbilixxi qafas ċar u trasparenti għall-analiżi tar-riskju u jenħtieġ li jservi bħala punt ta' riferiment għall-attivitajiet analitiċi. L-analiżi bbażata fuq is-CIRAM se tippermetti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet inaqqsu u jimmitigaw ir-riskju fejn ir-riżorsi u l-kapaċitajiet huma limitati. Is-CIRAM ifittex li jipromwovi fehim komuni tal-analiżi tar-riskju u jikkontribwixxi għal koerenza akbar fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-CIRAM huma bbażati fuq **I-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/1896 (ir-Regolament Ewropew dwar il-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta)**, li jiddikjara:

L-Aġenzija għandha timmonitorja l-flussi migratorji lejn l-Unjoni, u fi hndanha, f'termini ta' xejriet, volum u rotot, u xejriet oħra jew sfidi possibbli fil-fruntieri esterni u fir-rigward tar-ritorn. Għal dak il-għan, l-Aġenzija għandha, permezz ta' deċiżjoni tal-bord maniġerjali bbażata fuq proposta tad-direttur eżekuttiv, tistabbilixxi mudell integrat komuni għall-analiżi tar-riskju, li għandu jiġi applikat mill-Aġenzija u mill-Istati Membri.

Xi jfisser is-CIRAM?

Filwaqt li l-leġiżlatur ma pprovdix definizzjoni tat-termini, ġie żviluppat il-fehim li ġej fi hndan il-komunità Ewropea tal-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG)¹:

“Komuni” tirreferi għal qafas, żviluppat mill-Frontex f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, li għandu jiġi applikat kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.

“Integrat” jirreferi għall-għan tal-Frontex li tiżgura livell uniformi u għoli ta' kontroll fuq il-fruntieri esterni kollha fil-kuntest tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri (EIBM)². Dan jissuġġerixxi kooperazzjoni ma' korpi oħra tal-infurzar tal-liġi / awtoritajiet tal-fruntieri u awtoritajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet ta' migrazzjoni, bħall-awtoritajiet doganali, l-uffiċċji tal-immigrazzjoni u l-pulizija nazzjonali.

“Analiżi tar-Riskju” tfisser l-eżami sistematiku tal-komponenti tar-riskji biex jiġi infurmat it-teħid ta' deċiżjonijiet.

“Mudell” tfisser qafas analitiku li jipprovdi vokabularju u struttura komuni għall-analiżi tar-riskju fil-komunità tal-EBCG. Mhuwiex algoritmu li jipprovdi eżiti assoluti.

¹ Kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1896.

² L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1896.

Il-mudell ta' kontroll tal-aċċess fuq erba' livelli

Il-mudell ta' kontroll tal-aċċess fuq erba' livelli³ jinkludi:


- (i) miżuri f'pajjiżi terzi
- (ii) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien,
- (iii) kontroll tal-fruntieri u
- (iv) miżuri ta' kontroll fiż-żona Schengen inkluż ir-ritorn.

Dan jiffirma l-qalba tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri. F'termini simplifikati, il-mudell jeħtieġ li jiġi implimentat sett ta' miżuri komplementari fil-livelli differenti. Għall-analiżi tar-riskju, il-mudell ta' kontroll tal-aċċess fuq erba' livelli jindika l-oqsma differenti li fihom l-analisti jfittxu l-informazzjoni. Il-mudell jindika li l-prodotti analitiċi se jkunu utli għall-awtoritajiet kollha li huma attivi f'livell wieħed jew aktar. F'dan is-sens, il-mudell ta' kontroll tal-aċċess fuq erba' livelli huwa referenza b'saħħitha għad-dimensjoni integrata tal-analiżi tar-riskju.

Grafika 1: Dijagramma CIRAM

OQSM TA' INFORMAZZJONI

(Ibbażati fuq il-mudell ta' kontroll tal-aċċess fuq erba' livelli)



³ Il-Premessa 11 tar-Regolament (UE) 2019/1896.

Ħarsa ġenerali lejn ir-riskji

Għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni, ir-riskju huwa definit fis-CIRAM bħala d-daqs u l-probabbiltà ta' theddida li tista' taffettwa l-ġestjoni tal-fruntieri esterni, minħabba l-miżuri fis-seħħ fil-fruntieri u fl-UE, li se jkollhom impatt fuq is-sigurtà interna tal-UE, jew il-funzjonament jew is-sigurtà tal-fruntieri esterni, jew li se jkollhom konsegwenzi umanitarji.

Minn din id-definizzjoni ta' riskju, l-analiżi tar-riskju hija definita bħala l-eżami tat-tliet komponenti li ġejjin, li l-eżitu tagħhom huwa rreġistrat fil-forma ta' valutazzjoni tar-riskju⁴:

- (1) it-theddida;
- (2) il-vulnerabbiltà għat-theddida;
- (3) l-impatt, jekk issehħ it-theddida.

It-tliet komponenti mhumiex iżolati u ma għandhomx jiġu vvalutati f'sekwenza. Minflok, kull komponent jagħti angolu differenti minn fejn għandu jiġi studjat ir-riskju, il-valutazzjoni ta' komponent wieħed li jipprovi materjal u ideat għall-valutazzjoni taż-żewġ komponenti l-oħrajn.

Il-valutazzjoni jenħtieġ li jkollha kamp ta' applikazzjoni u għan definiti b'mod ċar. Jenħtieġ li tkopri perjodu speċifiku u jenħtieġ li tivvaluta t-theddida fuq perjodu futur speċifikat, konsistenti mal-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet li għandha tinforma.

⁴ Din id-definizzjoni ta' riskju ma tapplikax għall-proċessi kollha tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri. Għal definizzjonijiet oħra ta' riskju ara, pereżempju, l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1240 (ir-regolament ETIAS).

Appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet

Filwaqt li qatt ma huwa se jkun possibbli li jiġi eliminat ir-riskju, billi dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati, l-analiżi tar-riskju se tikkontribwixxi biex jitnaqqas id-distakk bejn riskju u l-kapaċità ta' sistema tal-EIBM biex dan jitnaqqas u jittaġġa.

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-riċevituri u l-livelli ta' deċiżjoni li jistgħu jibbenefikaw minn dan l-approċċ xprunat mill-intelligence għall-analiżi tar-riskju huwa pjuttost wiesa'. Minn dawk li jfasslu l-politika sal-gwardji tal-fruntiera tal-ewwel linja, l-atturi kollha fi ħdan l-istrutturi tal-IBM mhux biss jibbenefikaw mill-appoġġ ta' prodotti analitiċi rilevanti, iżda għandhom ukoll rwol deċiżiv fil-kwalità tal-intelligence, peress li huma elementi ewlenin tal-ġbir tal-informazzjoni fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom.

Ir-rekwiżiti tal-intelligence għal-livelli strateġiċi, operazzjonali u tattiki huma mistennija li jkunu differenti. Dawn ivarjaw f'termini ta' output għat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-investigazzjonijiet li għandhom isiru, id-data li għandha tintuża, l-approċċ analitiku li għandu jitwettaq, u l-varjetà ta' għodod u tekniki li għandhom jintużaw.

Ma hemm l-ebda regola ċara li tiddifferenzja l-approċċi għall-valutazzjonijiet tal-livell strateġiku, operazzjonali u tattiku. Din id-diviżjoni tal-livelli għandha tadatta għall-ispeċifitàjiet u l-istrutturi ta' kuntesti nazzjonali differenti tal-IBM. Madankollu, jistgħu jiġu identifikati xi speċifitàjiet:

Il-valutazzjonijiet fil-livell strateġiku għandhom jiffukaw fuq:

- il-fehim tal-iżvilupp tal-fenomeni,
- il-ħolqien ta' stampa ġenerali u globali,
- it-twertiq ta' perspettiva,
- provvediment ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-iżvilupp ta' potenzjalitajiet u kapaċitajiet,
- id-definizzjoni tar-rekwiżiti tar-riżorsi,
- l-appoġġ għal deċiżjonijiet dwar il-baġit.

Il-valutazzjonijiet fil-livell operazzjonali jenħtieġ li jinvolvu aspetti / prodotti fir-rigward ta':

- id- ta' theddida,
- il-fatturi interni u s-sejbiet mill-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà huma ta' rilevanza biex jippermettu valutazzjonijiet tar-riżorsi u r-riallokazzjoni tagħhom,
- enfasi fuq it-taqsimu tal-fruntiera.

Il-valutazzjonijiet fil-livell tattiku jridu jittrattaw aspetti / prodotti relatati ma':

- indikaturi ta' riskju,
- profili ta' riskju (għall-awturi, għall-vittmi u għall-m.o.),
- żona ġeografika u ħin definiti,
- aspetti esterni (fil-fruntiera).

Theddida

It-theddida hija definita fis-CIRAM bħala forza jew pressjoni li tista' taffettwa l-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Hija kkaratterizzata mill-kobor u mill-probabbiltà tagħha.

Fil-qalba tal-analiżi tar-riskju hija l-identifikazzjoni tat-theddida attwali u futur li jinfluwenza l-ġestjoni tal-fruntieri esterni.

Deskrizzjoni ta' theddida tipikament tinkludi deskrizzjoni tal-modus operandi, l-għanijiet, il-motivi u l-kapaċitajiet tal-awtur (min, fejn, meta, kemm), ix-xejriet u l-previżjonijiet, u kwalunkwe fattur li jaffettwa d-daqs u l-probabbiltà tat-theddida. Il-komponenti eżatti huma bbażati fuq eżami tat-theddida biex jiġu identifikati l-varjabbli li jinfluenzaw dan, kif ukoll kwalunkwe korrelazzjonijiet possibbli bejniethom.

It-theddida għandu jitkejjel sabiex ikun jista' jittqabbel u jingħata prijorità. Peress li l-għan tal-analiżi huwa li tinforma t-teħid ta' deċiżjonijiet, li se tiddetermina azzjonijiet futuri, l-analiżi ta' theddida min-natura tagħha tħares 'il quddiem u jenħtieġ li tagħmel referenza għall-probabbiltà u d-daqs tat-theddida għal perjodu ta' żmien partikolari.

Vulnerabbiltà

Fis-CIRAM, il-vulnerabbiltà tiġi ddeterminata mill-kapaċità ta' sistema li timmitiga t-theddida. Il-vulnerabbiltà hija mifhuma bħala l-fatturi fil-fruntieri jew fl-UE li jistgħu jżidu jew inaqqsu d-daqs jew il-probabbiltà tat-theddida.

Fost il-fatturi ewlenin użati biex tiġi identifikata l-vulnerabbiltà hemm l-attributi ġeografiċi taż-żoni tal-fruntiera, l-analiżi tal-attivitajiet operazzjonali, inklużi l-kapaċitajiet biex tiġi mmitigata t-theddida, bħall-għadd ta' persunal u l-ħiliet tagħhom, l-iskjerament ta' tagħmir u l-ġestjoni tal-prijoritajiet u l-politiki. Il-valutazzjoni ta' dawn il-fatturi jenħteġ li tindika lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet il-vulnerabbiltajiet fir-rigward ta' theddid speċifiku sabiex ikun jista' jkun hemm rispons rapidu għall-avvenimenti.

Il-vulnerabbiltà tikkonċerna kwistjonijiet li, minħabba n-natura tagħhom, jippermettu kejl u stimi aktar preċiżi milli meta jiġu vvalutati t-theddid u l-impatt.

Il-vulnerabbiltà fis-CIRAM fir-rigward tal-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà tal-Artikolu 32 tar-Regolament UE 2019/1896.

Ir-Regolament UE 2019/1896 jistabbilixxi l-Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà (VA)⁵ bħala wieħed mill-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità li jimmonitorjaw u jivvalutaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri. Il-VA għandha l-Metodoloġija Komuni ta' Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà (CVAM) tagħha stess.

Ir-Regolament UE 2019/1869 jiddefinixxi diversi interfaċċi bejn l-analiżi tar-riskju u l-VA.

⁵ L-Artikoli 3(1)(k) u 32 tar-Regolament (UE) 2019/1896.

Impatt


Fis-CIRAM, l-impatt huwa definit bħala l-effetti ta' theddida fuq is-sigurtà interna tal-UE jew il-funzjonament jew is-sigurtà tal-fruntieri esterni. L-impatti jistgħu jiġu analizzati wkoll f'termini ta' konsegwenzi umanitarji.

Il-valutazzjoni tal-impatt tinkludi kunsiderazzjoni kemm tal-impatti immedjati kif ukoll ta' dawk li jistgħu jinħolqu aktar tard. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll inċidenti żgħar li, meta jitqiesu individwalment, ma jkollhomx impatt kbir, iżda meta aggregati jista' jkollhom effetti detrimentali fuq is-sigurtà interna tal-UE jew fuq il-funzjonament jew is-sigurtà tal-fruntieri esterni.

Il-kejl tal-impatti jiddependi fuq it-theddida identifikata. Jekk il-valutazzjonijiet kwantitattivi jew kwalitattivi ma jkunux disponibbli, l-impatt jista' jitkejjel permezz ta' deskrizzjoni tal-eżiti li jirriżultaw minn analiżi induttiva jew minn analiżi tax-xenarji.

It-theddida, il-vulnerabbiltà u l-impatt huma l-elementi kostitwenti tar-riskju. L-analiżi tar-riskju hija riflessa fid-dijagramma ta' hawn taħt. L-elementi muriġa fid-dijagramma mhumiex eżawrjenti. Dawn huma eżempji ta' varjabbli li għandhom jiġu kkunsidrati.

Grafika 3: Dijagramma tal-analiżi tar-riskju



Ċiklu ta' intelligence

F'kull kuntest organizzazzjonali, l-attivitajiet ta' intelligence li jwasslu għall-iżvilupp ta' prodotti analitiċi jsegwu ċiklu jew katina tal-proċess "standard". Il-Frontex u l-unitajiet tal-analiżi tar-riskju tal-Istati Membri jużaw proċessi ta' intelligence, ħiliet u tekniki biex jipproduċu **informazzjoni azzjonabbli** għat-tehdid ta' deċiżjonijiet.

Dan jinkiseb bl-adozzjoni ta' proċess ta' intelligence strutturat komuni li jinkludi l-għbir, l-analiżi u d-distribuzzjoni tal-informazzjoni azzjonabbli. Dan huwa l-proċess ewlieni meta jiġi applikat is-CIRAM fi ħdan l-EIBM u jikkontribwixxi għal ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri billi jipproduċi prodotti xierqa u f'waqthom.

Il-proċess ta' intelligence strutturata jissejjaħ iċ-ċiklu tal-Intelligence, ċiklu ddefinit li jiżgura l-effiċjenza tal-attivitajiet ta' analiżi tar-riskju permezz ta' sistema ta' kontrolli u bilanċi.

Il-premessa bażika taċ-ċiklu tal-Intelligence hija li l-isfruttament sistematiku tal-informazzjoni jwassal għal prodotti effettivi li jippermettu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jindirizzaw ir-riskju.

Grafika 4: Ċiklu ta' intelligence



Rakkomandazzjonijiet

Jekk jingħata l-kompitu, l-analiżi tar-riskju għandu jipproduċi rakkomandazzjonijiet għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu indirizzati r-riskji. Dawn il-miżuri għandhom jipprevjenu r-riskji milli jimmaterjalizzaw jew jimmitigaw l-impatt tagħhom jekk jagħmlu dan. L-analisti jistgħu jiżviluppaw ukoll pjanijiet ta' azzjoni. Fi kwalunkwe każ, prodott analitiku għandu dejjem ikun fih informazzjoni azzjonabbli⁶.

Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jgħinu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jimplimentaw l-acquis ta' Schengen u l-EIBM għall-ġestjoni tal-fruntieri u r-ritorn kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali biex jagħżlu u jimplimentaw miżuri xierqa.

⁶ Tali rakkomandazzjonijiet huma parti mill-konklużjonijiet analitiċi u għandhom jiġu distinti mir-rakkomandazzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv tal-Frontex imsemmija fl-Artikoli 32 u 41 tar-Regolament (UE) 2019/1896.

Implimentazzjoni tas-CIRAM

Kull Stat Membru huwa mħeġġeġ jistabbilixxi u jżomm kapaċità ta' analiżi tar-riskju fil-forma ta' unità, network u/jew sistema. Il-funzjoni tal-kapaċità tal-analiżi tar-riskju hija li jiġu implimentati s-CIRAM u ċ-ċiklu tal-Intelligence billi jiġi żgurat l-akkwist tad-data, l-applikazzjoni tal-metodi ta' valutazzjoni, il-forniment tal-għodod xierqa u l-involviment ta' analisti tar-riskju, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data u dawk fundamentali. L-implimentazzjoni tas-CIRAM u ta' ċ-ċiklu tal-Intelligence hija żgurata permezz ta' taħriġ speċjalizzat. Il-kapaċitajiet tal-analiżi tar-riskju huma responsabbli wkoll għall-istabbiliment ta' networks ta' kooperazzjoni rispettivi.

Fil-livell tal-UE, is-sitwazzjoni fil-fruntiera esterna hija mmonitorjata mill-qafas tal-EUROSUR. Dan jipprevedi wkoll l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni operazzjonali fi ħdan il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jittejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni u tiżdied il-kapaċità ta' reazzjoni.

In-Network ta' Analiżi tar-Riskju tal-Frontex (FRAN), jiġbor flimkien rappreżentanti mill-Istati Membri, l-Aġenziji tal-ĠAI u l-Kummissjoni Ewropea involuti fl-analiżi tar-riskju, fil-ġestjoni tal-fruntieri u fir-ritorn.

Qed isiru sforzi fil-livell tal-UE biex jiġi kkomplementat il-FRAN billi jiġu stabbiliti networks reġjonali fiż-żona prefruntiera u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

FRONT**X**



EUROPEAN BORDER AND
COAST GUARD AGENCY

Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera
u tal-Kosta
Plac Europejski 6
00-844 Varsavja, II-Polonja

T +48 22 205 95 00
F +48 22 205 95 01

[**frontex@frontex.europa.eu**](mailto:frontex@frontex.europa.eu)
www.frontex.europa.eu



Unità tal-Analiżi tar-Riskju
Varsavja, Diċembru 2021